ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 270

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

11 ta’ Novembru 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2009/C 270/01 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-26 ta’ Ottubru 2009 fuq proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarja tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew b’kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (CON/2009/88) . . . . . 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 270/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5589 – SONY/SEIKO EPSON) [1] 9

2009/C 270/03 Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta’ dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] . . . . . 10

MT

Prezz: 3 EUR

[1] Test b’relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta’ wara)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2009/C 270/04 Lista ta' ħatriet imwettqa mill-Kunsill – Settembru/Ottubru 2009 (qasam soċjali) .................... 14

**Il-Kummissjoni**

2009/C 270/05 Rata tal-kambju tal-euro .................... 17

**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**

2009/C 270/06 Kompożizzjoni tal-Awli u assenjazzjoni tal-imħallfin lill-Awli .................... 18

2009/C 270/07 Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-Awli .................... 19

2009/C 270/08 Ħatra ta' mħallef li jissostitwixxi l-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bħala mħallef għal miżuri provviżorji .................... 20

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 270/09 Media 2007 – Żvilupp, distribuzzjoni, promozzjoni u taħriġ – Sejħa għall-offerti – EACEA/17/09 – i2i audiovisual .................... 21

MT

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 ta' Ottubru 2009**

**fuq proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarja tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew b'kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku**

**(CON/2009/88)**

(2009/C 270/01)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fis-6 ta' Ottubru 2009 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni fuq: (1) proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarja tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [1] (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament propost"); u (2) proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew b'kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku [2] (minn hawn 'il quddiem id-"deċiżjoni proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni fuq ir-regolament propost huwa bbażat fuq l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla ostakoli ta' kull politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti relatata mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 105(5) tat-Trattat. Fir-rigward tad-deċiżjoni proposta, il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 105(6) tat-Trattat. Billiż-żewġ testi jirrigwardaw it-twaqqif, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), u minkejja l-proċedura leġislattivi distinti li japplikaw għal dawn it-testi, il-BĊE adotta, għas-sempliċità, opinjoni waħda fuq iż-żewġ proposti.

L-osservazzjonijiet li hawn f'din l-opinjoni huma mingħajr preġudizzju għall-opinjoni tal-BĊE fil-futur fuq it-tliet abbozzi ta' proposti għal Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu Awtorità Bankarja Ewropea, Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq [3] li jiffurmaw parti mill-pakkett leġislattiv adottat mill-Kummissjoni fit-23 ta' Settembru 2009 li jirriforma s-superviżjoni finanzjarja Ewropea.

Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

(1) KUMM(2009) 499 finali.
(2) KUMM(2009) 500 finali.
(3) KUMM(2009) 501 finali, KUMM(2009) 502 finali u KUMM(2009) 503 finali.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

1. In ġenerali l-BĊE jappoġġa r-regolament u d-deċiżjoni proposta mill-Kummissjoni, li huma mmirati biex jistabbilixxu korp ġdid responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali fl-UE, jiġifieri l-BERS. Fil-fehma tal-BĊE, il-kriżi finanzjarja riċenti wriet il-bżonn biex jissaħħaħ l-approċċ makroprudenzjali għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-sistema finanzjarja fil-kumpless tagħha. Uriet ukoll il-bżonn biex jiġu vvalutati d-diversi sorsi ta' riskju sistemiku u l-konsegwenzi tagħhom għas-sistema finanzjarja b'mod komprensiv u f'waqtu. Il-BERS, meta jidentifika u jivvaluta r-riskji sistemiċi, billi joħroġ twissijiet bikrin u rakkomandazzjonijiet meta dawn ir-riskji huma sinjifikanti u bil-monitoraġġ tal-azzjonijiet sussegwenti, jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istabilità tas-sistema finanzjarja tal-UE in ġenerali.

2. Il-Kunsill tal-Ecofin tad-9 ta' Ġunju 2009 kkonkluda li l-"BĊE għandu jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS, billi jieħu wkoll parir tekniku mill-banek ċentrali nazzjonali u superviżuri." Dan segwa r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli fuq is-Superviżjoni Finanzjarja fl-UE ppresedut minn Jacques de Larosière tal-25 ta' Frar 2009 u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2009 li tissuġġerixxi li l-BĊE għandu jiżgura s-Segretarjat tal-BERS. Fit-18 u d-19 ta' Ġunju il-Kunsill Ewropew innota li l-Komunikazzjoni u l-konklużjonijiet tal-Ecofin ħejjew it-triq għall-quddiem għat-twaqqif ta' qafas ġdid għas-superviżjoni makro u mikroprudenzjali u appoġġa l-ħolqien tal-BERS.

3. Il-BĊE ddeċieda li huwa lest biex jiżgura s-Segretarjat tal-BERS u biex jappoġġa l-BERS u jissuġġerixxi li ssir referenza għal dan fil-premessa tar-regolament propost. Il-BĊE huwa ppreparat li jġib għall-benefiċċju tal-BERS, bil-parteċipazzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE, il-kompetenza makroekonomika, finanzjarja u monetarja tal-banek ċentrali nazzjonali kollha tal-UE. Din il-kontribuzzjoni ser tkun marbuta ma' attivitajiet tal-BĊE u tal-BERS fl-oqsma tal-monitoraġġ tal-istabbiltà finanzjarja, analiżi makroekonomika, ġbir ta' informazzjoni statistika u bis-sinerġiji kumplessivi fir-rigward ta' kompetenza, riżorsi u infrastruttura fil-kuntest ta' attivitajiet tal-banek ċentrali eżistenti fl-UE.

4. L-involviment tal-BĊE u tas-SEBĊ fil-BERS mhux ser jibdel l-għan primarju tas-SEBĊ taħt l-Artikolu 105(1) tat-Trattat, li huwa li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet. F'dan ir-rigward, il-BĊE jinnota li l-attivitajiet ta' appoġġ għall-BERS la ser jaffettwa l-indipendenza istituzzjonali, funzjonali u finanzjarja u lanqas it-twettiq tal-SEBĊ tal-ħidmiet tagħha taħt it-Trattat u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'il quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ'), partikolarment il-ħidmiet tagħha tal-istabbiltà finanzjarja u superviżjoni. ([1])

5. Fil-qasam tal-istatistika, il-BĊE huwa lest li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa lill-BERS dwar l-ambjent makroekonomiku u makrofinanzjarju u għandu l-kompetenza teknika biex jagħmel dan. Dan jinkludi b'mod partikolari informazzjoni fuq kundizzjonijiet tas-suq u infrastrutturi tas-suq. Informazzjoni mikroprudenzjali ser tiġi pprovduta mit-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej ġodda.

**Osservazzjonijiet specifici**

6. Fir-rigward tal-proċedura għall-ħruġ u l-azzjoni sussegwenti għat-twissijiet ta' riskju u rakkomandazzjonijiet, il-BĊE jappoġġa bis-sħiħ ir-regolament propost ([2]), li jipprovdi li t-twissijiet ta' riskju u rakkomandazzjonijiet tal-BERS ser jiġu trasmessi direttament fl-indirizzi rispettivi, bi trasmissjoni parallela lill-Kunsill tal-Ecofin. It-tibdil f'dawn id-dispożizzjonijiet li jwasslu għal "mogħdija indiretta" għat-trasmissjoni ta' twissijiet ta' riskju u rakkomandazzjonijiet jimminaw l-effettività u l-puntwalità tar-rakkomandazzjonijiet kif ukoll l-indipendenza u l-kredibbiltà tal-BERS. Barra minn hekk, huwa importanti li dawn il-proċeduri dwar il-komunikazzjoni tal-BERS ma' istituzzjonijiet u kumitati tal-UE oħrajn ma jtellfux it-twettiq effettiv u f'waqtu tal-ħidmiet tal-BERS.

([1]) Artikolu 105(2) ir-raba' inċiż u l-Artikoli 105(4) u (5) tat-Trattat, u l-Artikolu 3.1 ir-raba' inċiż, l-Artikolu 3.3, l-Artikoli 4 u 22 u l-Artikolu 25.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

([2]) L-Artikoli 16, 17 u 18 tar-regolament propost.

7. Fir-rigward tal-aspetti organizzattivi tal-BERS, il-BĊE jikkunsidra li huwa partikolarment importanti li l-kompożizzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-BERS jirrifletti b'mod adegwat dak tal-Bord Ġenerali tal-BERS. F'dan tal-aħħar, 29 membru votant ikunu bankiera ċentrali, filwaqt li erba' membri votanti oħrajn ikunu membri tal-Kummissjoni u l-Presidenti tat-tliet awtoritajiet superviżorji Ewropej ġodda. Huwa essenzjali li l-kompożizzjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tirrifletti dik tal-Bord Ġenerali biex jiġi żgurat li l-Kumitat jirrappreżenta l-Bord, li l-laqgħat tiegħu huwa intiż li jħejji. Għalhekk, l-inklużjoni ta' ħames membri tal-bank ċentrali (flimkien mal-President u l-Viċi President tal-BERS) flimkien ma' erba' membri oħrajn votanti ta' hawn fuq huwa livell minimu biex jiġi żgurat bilanċ xieraq bħal dan flimkien ma' rappreżentazzjoni suffiċjenti tal-banek ċentrali nazzjonali taż-żona tal-euro u mhux taż-żona tal-euro. Għaldaqstant, il-BĊE jappoġġa bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni li seba' mit-tnax-il membru tal-Kumitat tat-Tmexxija jiġu mill-Kunsill Ġenerali tal-BĊE (1). Madankollu, billi l-kompożizzjoni taż-żona tal-euro ser tinbidel biż-żmien mhux konsiljabbli li f'att legali tiġi stabbilita allokazzjoni speċifika mmutabbli ta' siġġijiet bejn banek ċentrali taż-żona tal-euro u mhux taż-żona tal-euro. Fl-aħħar nett, il-BĊE jappoġġa l-approċċ tal-Kummissjoni fejn il-President biss u l-BERS jagħtu direzzjonijiet lill-Kap tas-Segretarjat (2).

8. Il-President u l-Viċi President tal-Bord Ġenerali tal-BERS għandhom jiġu eletti abbażi tal-istess proċeduri u mill-istess grupp ta' membri votanti, billi l-Viċi President għandu jkun jista' jieħu post il-President, jekk ikun meħtieġ. Għaldaqstant, il-Viċi President għandu jiġi elett ukoll, kif intqal fil-proposta tal-Kummissjoni, minn u fost il-membri tal-Bord Ġenerali li huma membri wkoll tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Proċeduri differenti għall-elezzjoni ta' President u Viċi President iżidu kumplikazzjonijiet għalxejn u jistgħu jagħtu l-impressjoni żbaljata li jirrappreżentaw gruppi differenti ġewwa l-BERS.

9. Fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-Bord Ġenerali tal-BERS, il-BĊE jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li l-President u l-Viċi President tal-BĊE jkunu membri votanti tal-Bord Ġenerali tal-BERS. Dan huwa skont il-prinċipju li l-Kunsill Ġenerali tal-BĊE jipprovdi l-bażi għall-membri votanti tal-Bord Ġenerali (3). Barra minn hekk, l-inklużjoni tal-Viċi President tal-BĊE jkun skont il-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 li skont dawn, il-Viċi President jista' jivvota fl-elezzjoni tal-President tal-BERS bħala membru tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE. Fil-fatt, jekk ma jkunx membru tal-Bord Ġenerali tal-BERS, il-Viċi President ma jkunx jista' jivvota f'din l-elezzjoni.

10. Il-BERS huwa korp tal-Komunità, li l-ħidmiet tiegħu jikkonċernaw is-sistema finanzjarja tal-UE u jinkludu li jsiru rakkomandazzjonijiet u jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jiġu indirizzati riskji sistemiċi u tiġi salvagwardata l-istabbiltà tas-sistema u li l-membri tiegħu jiġu mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant, il-kostitwenza tal-BERS għandha tkun l-UE. Madankollu, minħabba l-importanza sistemika ta' ċerti pajjiżi Ewropej mhux fl-UE għas-sistema finanzjarja tal-UE, jista' jiġi kkunsidrat xieraq li jiġu mistiedna rappreżentanti minn dawn il-pajjiżi biex jattendu ċerti laqgħat tal-BERS u/jew kumitati tekniċi bħala osservaturi meta jkunu qed jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti.

Il-BĊE jirrakkomanda li l-artikoli li ġejjin tar-regolament propost u tad-deċiżjoni proposta jiġu emendati. Qed jiġu pprovduti u spjegati proposti speċifiċi ta' abbozzar fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, is-26 ta' Ottubru 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

(1) L-Artikolu 11(1) tar-regolament propost.

(2) L-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni proposta. Il-President tal-BERS jippresedi kemm il-Bord Ġenerali kif ukoll il-Kumitat tat-Tmexxija.

(3) Il-Kunsill Ġenerali tal-BĊE huwa magħmul mill-President tal-BĊE, il-Viċi President u l-Gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali tal-UE.

*ANNESS*

**Proposti għall-abbozzar**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 1***

Premessa 5 tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| Premessa 5<br>“Fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu ‘Superviżjoni Finanzjarja Ewropea’ […] F'konformità mal-fehmiet tal-Kummissjoni, inkludiet inter alia li l-BĊE ‘għandu jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS filwaqt li jagħmel użu wkoll mill-parir tekniku tal-Banek Ċentrali u superviżuri’.” | Premessa 5<br>“Fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu ‘Superviżjoni Finanzjarja Ewropea’ […] F'konformità mal-fehmiet tal-Kummissjoni, inkludiet inter alia li l-BĊE ‘għandu jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS filwaqt li jagħmel użu wkoll mill-parir tekniku tal-Banek Ċentrali u superviżuri’. **Il-BĊE iddeċieda li lest li jiżgura s-Segretarjat tal-BERS u biex jappoġġa l-BERS. L-appoġġ ipprovdut lill-BERS mill-BĊE kif ukoll il-kompiti mogħtija mill-BERS għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-indipendenza tal-BĊE fit-twettiq tal-kompitu tiegħu bis-saħħa tat-Trattat**.” |

*Spjegazzjoni*

*Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ddeċieda li l-BĊE huwa lest li jiżgura s-Segretarjat tal-BERS u biex jappoġġa l-BERS u jikkunsidra li huwa xieraq li dan jissemma fil-premessa 5 tar-regolament propost.*

*L-aħħar sentenza tal-premessa 5 tar-regolament propost tikkjarifika li t-twettiq mill-BĊE tal-kompiti tiegħu mhux ser jiġu mtellfa bl-appoġġ tiegħu tal-BERS, u lanqas bil-kompiti tal-BERS innifishom billi, għad-differenza tal-BERS, il-BĊE huwa stabbilit mit-Trattat. Dan huwa partikolarment importanti minħabba l-prinċipju tal-indipendenza tal-bank ċentrali.*

***Emenda 2***

L-Artikolu 3(1) tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| Artikolu 3<br>“1. Il-BERS se jkun responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fi ħdan il-Komunità sabiex jimpedixxi jew itaffi r-riskji sistemiċi fis-sistema finanzjarja, bil-għan li jevita episodji ta' taqlib finanzjarju mifrux, jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr problemi tas-Suq Intern u jiżgura kontribut sostenibbli tas-settur finanzjarju għat-tkabbir ekonomiku.” | Artikolu 3<br>“1. Il-BERS se jkun responsabbli għas-superviżjoni makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja fi ħdan il-Komunità sabiex jimpedixxi jew itaffi r-riskji sistemiċi fis-sistema finanzjarja, bil-għan li jevita episodji ta' taqlib finanzjarju mifrux **u** jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr problemi tas-Suq Intern. ~~u jiżgura kontribut sostenibbli tas-settur finanzjarju għat-tkabbir ekonomiku~~.” |

*Spjegazzjoni*

*Il-BĊE huwa tal-fehma li tiġi żgurata kontribuzzjoni sostenibbli għat-tkabbir ekonomiku mhijiex il-motivazzjoni wara s-superviżjoni makroprudenzjali. Għaldaqstant, ir-referenza għal dan il-kunċett għandha tiġi rtirata mill-artikolu fuq imsemmi.*

***Emenda 3***

L-Artikolu 4(1) tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| Artikolu 4<br>“1. Il-BERS se jkollu Bord Ġenerali, Kumitat tat-Tmexxija u Segretarjat.” | Artikolu 4<br>“1. Il-BERS se jkollu Bord Ġenerali, Kumitat tat-Tmexxija ~~u~~ Segretarjat u **Kumitat Tekniku Konsultattiv**.” |

*Spjegazzjoni*

*Ir-regolament u d-deċiżjoni proposta għandhom jistabbilixxu l-aspetti istituzzjonali ewlenin tal-BERS, inkluż il-Kumitat Tekniku Konsultattiv (ATC). Kemm ir-regolament propost kif ukoll id-deċiżjoni proposta jindikaw ir-rwol ewlieni tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali fis-superviżjoni makroprudenzali* [2]*. Dan l-artikolu tar-regolament propost għandu jiġi emendat biex jikkjarifika li l-ATC hija parti mill-istruttura organizattiva tal-BERS (ara wkoll iktar 'l isfel Emendi 5 u 7).*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 4***

L-Artikolu 4(4) tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| Artikolu 4<br><br>“4. Is-Segretarjat għandu jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS taħt id-direzzjoni tal-President tal-Bord Ġenerali skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill KE/XXXX/2009” | Artikolu 4<br><br>“4. B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill KE/XXXX/2009 **li tafda lill-BĊE b'kompiti speċifiċi dwar il-funzjonament tal-BERS is-Segretarjat ser jiġi żgurat mill-BĊE li ser**~~għandu~~ jipprovdi appoġġ ~~analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku~~ lill-BERS, **filwaqt li jieħu parir tekniku mill-banek ċentrali nazzjonali u superviżuri. Is-Segretarjat għandu jopera** ~~taħt id-direzzjoni tal-President tal-Bord Ġenerali~~” |

*Spjegazzjoni*

*L-emenda hija meħtieġa biex ir-regolament propost ikun konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ecofin tad-9 ta' Ġunju 2009 u d-deċiżjoni propsota. Mingħajrha, ir-rwol tal-BĊE fl-appoġġ tal-BERS jitħalla barra mit-test tar-regolament propost. Dan ma jkunx konformi ma' dikjarazzjonijiet u deċiżjonijiet imgħoddija, inklużi b'mod partikolari:*

- *ir-rapport de Larosière oriġinali li kien jgħid li “ġewwa l-UE, il-BĊE, bħala l-qalb tas-SEBĊ, qiegħed f'pożizzjoni unika biex jagħmel dan ix-xogħol, jiġifieri li jidentifika r-riskji makroprudenzjali”;*
- *il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Mejju 2009;*
- *il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ecofin tad-9 ta' Ġunju 2009 li jgħid li “l-BĊE għandu jipprovdi appoġġ analitiku, statistiku, amministrattiv u loġistiku lill-BERS, u jieħu wkoll parir tekniku mill-banek ċentrali nazzjonali u superviżuri”; u*
- *l-approvazzjoni tal-konklużjonijiet ta' hawn mill-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009.*

***Emenda 5***

L-Artikolu 4(5) tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| Artikolu 4<br><br>“5. Il-BERS se jkun appoġġjat mill-Kumitat Tekniku Konsultattiv li saret referenza għalih fl-Artikolu 12, li għandu jipprovdi parir u assistenza fuq kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-BERS, meta mitlub.” | Artikolu 4<br><br>“5. Il-~~BERS se jkun appoġġjat mill-~~Kumitat Tekniku Konsultattiv li saret referenza għalih fl-Artikolu 12, ~~li~~ għandu jipprovdi parir u assistenza fuq kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-BERS, ~~meta mitlub~~.” |

*Spjegazzjoni*

*Dan l-artikolu tar-regolament propost għandu jiġi emendat biex jikkjarifika li l-ATC jassisti lill-BERS fuq bażi permanenti. Ir-regoli ta' proċedura tal-BERS għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet applikabbli fir-rwol konsultattiv tal-ATC (ara wkoll l-Emendi 3 u 7 dwar l-ATC).*

***Emenda 6***

L-Artikolu 7 tar-regolament propost

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE |
|---|---|
| “Artikolu 7<br><br>Imparzjalità<br><br>1. Meta jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord Ġenerali u tal-Kumitat tat-Tmexxija jew meta jkunu qegħdin iwettqu xi attività oħra relatata mal-BERS, il-Membri tal-BERS għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod imparzjali u ma għandhom ifittxu jew jieħdu l-ebda struzzjoni mill-Istati Membri.<br><br>2. L-Istati Membri m'għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-BERS fit-twettiq tal-kompiti tagħhom tal-BERS.” | “Artikolu 7<br><br>Imparzjalità **u indipendenza**<br><br>1. Meta jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Bord Ġenerali u tal-Kumitat tat-Tmexxija jew meta jkunu qegħdin iwettqu xi attività oħra relatata mal-BERS, il-Membri tal-BERS għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod imparzjali u **biss fl-interess tal-Komunità inġenerali. Huma** ma għandhom ifittxu jew jieħdu l-ebda struzzjoni mill-Istati Membri, **istituzzjonijiet tal-Komunità jew kull korp ieħor pubbliku jew privat**.<br><br>2. L-Istati Membri, **istituzzjonijiet tal-Komunità jew kull korp ieħor pubbliku jew privat** m'għandhomx ifittxu li jinfluwenzaw lill-membri tal-BERS fit-twettiq tal-kompiti tagħhom tal-BERS.” |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Spjegazzjoni*

*Dan l-Artikolu għandu jiġi emendat biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-membri tal-BERS minn interferenza minn korpi Komunitarji oħrajn jew xi korp ieħor. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju mill-BĊE tal-kompiti ta' appoġġ mogħtija lill-BĊE għall-benefiċċju tal-BERS u li ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala struzzjonijiet.*

***Emenda 7***

L-Artikolu 12(3) tar-regolament propost

| Artikolu 12 | Artikolu 12 |
|---|---|
| "3. Il-Kumitat għandu jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(5) meta jintalab mill-President tal-Bord Ġenerali." | "3. Il-Kumitat għandu jwettaq il-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(5) ~~meta jintalab mill-President tal-Bord Ġenerali~~" |

*Spjegazzjoni*

*L-iskop ta' din l-emenda huwa biex jiġi kkjarifikat li l-ATC jassiti lill-BERS fuq bażi permanenti, mhux biss meta mitlub, skont ir-regoli tal-proċedura tal-BERS (ara wkoll l-Emendi 3 u 5 dwar l-ATC).*

***Emenda 8***

L-Artikolu 13 tar-regolament propost

| "Artikolu 13 | "Artikolu 13 |
|---|---|
| Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-BERS għandu jfittex, fejn ikun xieraq, il-parir ta' partijiet interessati rilevanti mis-settur privat." | Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-BERS għandu jfittex, fejn ikun xieraq, il-~~parir~~ **fehmiet** ta' partijiet interessati rilevanti mis-settur privat." |

*Spjegazzjoni*

*It-terminoloġija proposta tirrifletti aħjar in-natura tar-rwol tal-parteċipanti tas-settur privat.*

***Emenda 9***

Premessa 8 tad-deċiżjoni proposta

| Premessa 8 | Premessa 8 |
|---|---|
| "Il-Kunsill ikkonkluda fid-9 ta' Ġunju 2009 li l-BĊE għandu jipprovdi għajnuna analitika, statistika, amministrattiva u loġistika lill-BERS. Għandha għalhekk tiġi eżerċitata l-għażla prevista mit-Trattat li ċerti ħidmiet dwar il-politika relatati mas-superviżjoni prudenti jingħataw lill-BĊE, billi l-BĊE jingħata l-ħidma li jiżgura s-Segretarjat lill-BERS." | "Il-Kunsill ikkonkluda fid-9 ta' Ġunju 2009 li l-BĊE għandu jipprovdi għajnuna analitika, statistika, amministrattiva u loġistika lill-BERS. Għandha għalhekk tiġi eżerċitata l-għażla prevista mit-Trattat li ċerti ħidmiet dwar il-politika relatati mas-superviżjoni prudenti jingħataw lill-BĊE, billi l-BĊE jingħata l-ħidma li jiżgura s-Segretarjat lill-BERS. **L-għajnuna mogħtija lill-BERS mill-BĊE kif ukoll il-ħidmiet mogħtija lill-BERS għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall- prinċipju tal-indipendenza tal-BĊE fit-twettiq tal-ħidmiet tiegħu skont it-Trattat**." |

*Spjegazzjoni*

*L-emenda tal-premessa proposta tikkjarifika li t-twettiq mill-BĊE tal-ħidmiet tiegħu ma jkunx imfixkel bl-appoġġ tiegħu lill-BERS, u lanqas bil-ħidmiet tal-BERS innifsu, minħabba li kontra tal-BERS, il-BĊE huwa stabbilit bit-Trattat. Dan huwa partikolarment importanti minħabba l-prinċipju ta' indipendenza.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

***Emenda 10***

Premessa ġdida 8a tad-deċiżjoni proposta

| | |
|---|---|
| "Bħalissa m'hemm l-ebda test" | Premessa 8a<br>**"(8a) Il-ħidmiet ta' superviżjoni makro-prudenti tal-BERS jimmiraw li ma jkunx hemm, jew ta' lanqas, inaqqsu r-riskji sistemiċi ġewwa s-sistema finanzjarja. Filwaqt li l-BESR m'huwiex responsabbli li jagħmel superviżjoni ta' impriżi individwali speċifiċi li jagħtu servizzi finanzjarji, il-ħidmiet ta' *oversight* tal-BERS u l-għajnuna mogħtija mill-BĊE huma relatati mas-sistema finanzjarja sħiha, b'enfażi fuq ir-rabtiet interni (*inter-linkages*) tul is-setturi varji tas-sistema finanzjarja."** |

*Spjegazzjoni*

*Meta wieħed iqis in-natura u l-għanijiet tal-funzjonijiet ta' l-oversight makro-prudenti attribwiti lill-BERS, u l-appoġġ mogħti mill-BĊE lill-BERS, il-premessa l-ġdida proposta tikkjarifika, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 105(6) tat-Trattat, li s-superviżjoni makro-prudenti tkopri s-sistema finanzjarja sħiħa.*

***Emenda 11***

L-Artikolu 2 tad-deċiżjoni proposta

| | |
|---|---|
| Artikolu 2<br>"Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura s-Segretarjat u għalhekk għandu jipprovdi għajnuna analitika, statistika, loġistika u amministrattiva lill-BERS.<br>[…]<br>(b) Skont l-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, il-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni statistika, f'isem u għall-benefiċċju tat-twettiq tal-ħidmiet tal-BERS;" | Artikolu 2<br>"Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jiżgura s-Segretarjat u għandu ~~therefore~~ jipprovdi għajnuna analitika, statistika, loġistika u amministrattiva lill-BERS.<br>[…]<br>(b) Skont l-**Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew u** l-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, il-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni statistika, f'isem u għall-benefiċċju tat-twettiq tal-ħidmiet tal-BERS;" |

*Spjegazzjoni*

*It-tħassir tat-terminu "għalhekk" jagħmel it-test konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ecofin tad-9 ta' Ġunju 2009.*

*L-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni proposta għandu x'jaqsam mal-għajnuna statistika li l-BĊE huwa mitlub jagħti lill-BERS. L-emenda proposta se tagħmilha possibbli biex is-Segretarjat jakkwista data kunfidenzjali miġbura mill-BĊE/SEBĊ f'isem u għall-benefiċċju tal-BERS.*

***Emenda 12***

Artikolu 4 tad-deċiżjoni proposta

| | |
|---|---|
| "Artikolu 4<br>Maniġment<br>[…]" | "Artikolu 4<br>~~Maniġment~~ **L-iffunzjonar tas-Segretarjat**<br>[…]" |

*Spjegazzjoni*

*It-titolu propost jirrifletti b'mod aktar preċiż il-kontenut tal-Artikolu 4 tad-deċiżjoni proposta, u juża terminoloġija li tirrispetta aħjar il-kompetenzi amministrattivi intenli tal-BĊE.*

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE ([1]) |
|---|---|

***Emenda 13***

Artikolu 4(2) tad-deċiżjoni proposta

| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
|---|---|
| "2. Il-Kap tas-Segretarjat jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord Ġenerali u tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-BERS." | "2. Il-Kap tas-Segretarjat jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jattendi l-laqgħat tal-Bord Ġenerali, ~~u~~ tal-Kumitat ta' Tmexxija **u tal-Kumitat Tekniku Konsultattiv** tal-BERS." |

*Spjegazzjoni*

*L-emenda proposta timmira li tirrifletti l-istruttura proposta tal-BERS kif iddefinita fl-Artikolu 4(1)tar-regolament propost.*

([1]) Il-korp tat-test ingassat (*strikethrough*) jindika fejn il-BĊE jipproponi li jithassar test. Il-grassett fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jdaħħal test ġdid.
([2]) Ara l-premessa 13 tar-regolament propost u l-premessa 7 tad-deċiżjoni proposta.

# II

*(Komunikazzjonijiet)*

## KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI

### Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.5589 – SONY/SEIKO EPSON)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 270/02)

Fit-22 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32009M5589. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

## Awtorizzazzjoni tal-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 270/03)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 3.8.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 38/B/06 |
| Stat Membru | Il-Greċja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Kumpens għal ħsara – Avveniment klimatiku mhux favorevoli – Is-settur tal-akkwakultura |
| Il-bażi legali | Απόφαση του Υπουργείου Αγροτικής Ανάπτυξης και Τροφίμων |
| It-tip tal-miżura | — |
| L-għan | Kumpens għal ħsara kkawżata minn avveniment klimatiku eċċezzjonali fl-2005 fis-settur tal-akkwakultura f'ċerti provinċji Griegi. |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | EUR 800 000 |
| L-intensità | Massimu ta' 50 % tal-valur tal-produzzjoni mitlufa jew ta' 70 % tal-ispejjeż meħtieġa biex titranġa l-ħsara |
| It-tul ta' żmien | Sentejn |
| Setturi ekonomiċi | Is-Settur tal-Akkwakultura |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Hellenic Agricultural Insurance Agency<br>Mesoyeion 45<br>11510 Athens<br>GREECE |
| Aktar informazzjoni | Rapport annwali |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 17.6.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 214/09 |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Beihilfemaßnahme zugunsten der Hypo Tirol Bank AG |
| Il-bażi legali | § 23 Bankwesengesetz (BWG)*<br>Aktiengesetz (AktG)* |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna individwali |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |

| | |
|---|---|
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 100 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 1.7.2009-1.7.2019 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Land Tirol<br>Eduard-Wallnöfer-Platz 3<br>6020 Innsbruck<br>ÖSTERREICH |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 2.10.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 409/09 |
| Stat Membru | L-Olanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Short-term export-credit insurance |
| Il-bażi legali | Kaderwet financiële verstrekkingen Financiën |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Assigurazzjoni ta' kreditu tal-esportazzjoni |
| Il-forma tal-għajnuna | Assigurazzjoni ta' kreditu tal-esportazzjoni |
| L-estimi | — |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2010 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | The State of the Netherlands |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 21.9.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 494/09 |

| | |
|---|---|
| Stat Membru | Id-Danimarka |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Energiteknologisk Udviklings- og Demonstrationsprogram |
| Il-bażi legali | Lov nr. 555 af 6. juni 2007 om et Energiteknologisk Udviklings- og Demonstrationsprogram |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp |
| Il-forma tal-għajnuna | Ghotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: DKK 891 miljun |
| L-intensità | 80 % |
| It-tul ta' żmien | sal-1.1.2014 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Energistyrelsen<br>Amaliegade 44<br>1256 København K<br>DANMARK |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 30.9.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | NN 44/07 |
| Stat Membru | Ir-Repubblika Ċeka |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Osvobození ocenění a darů v oblasti kultury od daně z příjmu |
| Il-bażi legali | Zákon o některých druzích podpory kultury a o změně některých souvisejících zákonů |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura, Żvilupp settorjali |
| Il-forma tal-għajnuna | Vantaġġ fiskali |
| L-estimi | Baġit annwali: CZK 5 miljun |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 12.4.2006-11.4.2016 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |

| | |
|---|---|
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerstvo kultury<br>Maltézské nám. 1<br>118 11 Praha 1<br>ČESKÁ REPUBLIKA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

# IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

### Lista ta’ ħatriet imwettqa mill-Kunsill

### Settembru/Ottubru 2009 (qasam soċjali)

(2009/C 270/04)

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/Supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2010 | C 253, 4.10.2008 | Is-Sur Peter BODE | Riżenja | Membri | Gvern | Renju Unit | Is-Sinjura Fiona KILPATRICK | DWP | 26.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema | 24.9.2010 | C 253, 4.10.2008 | Is-Sinjura Seonaid WEBB | Riżenja | Membri | Gvern | Renju Unit | Is-Sinjura Carolyn BARTLETT | EEA Policy Team | 26.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Harald KIHL | Riżenja | Supplenti | Min iħaddem | Ġermanja | Is-Sur Walter HERMÜLHEIM | RAG Aktiengesellschaft Zentralbereich Arbeits — Gesundheits — und Umweltschutz | 9.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Jean-Marie LAMOTTE | Riżenja | Supplenti | Gvern | Belġju | Is-Sur Xavier LEBICHOT | DG Humanisation du travail<br>SPF Emploi, Travail et Concertation social | 9.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Robert MURR | Riżenja | Supplenti | Gvern | Awstrija | Is-Sinjura Gerlinde ZINIEL | Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz | 9.10.2009 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/ Supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol | 28.2.2010 | L 64, 2.3.2007 | Is-Sur Saviour SAMMUT | Riżenja | Membru | Ħaddiema | Malta | Is-Sur Joe CARABOTT | General Workers Union | 26.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti | 29.3.2011 | C 83, 7.4.2009 | Is-Sinjura Dora PETSA | Riżenja | Membru | Gvern | Ċipru | Is-Sur Nicolas ARTEMIS | Ministry of Labour and Social Insurance | 9.10.2009 |
| Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Migranti | 29.3.2011 | C 83, 7.4.2009 | Is-Sur Andreas KYRIAKIDES | Riżenja | Membru | Gvern | Ċipru | Is-Sur Nicos VAKANAS | Ministry of Health | 9.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Marie ÅKHAGEN | Riżenja | Supplenti | Gvern | Svezja | Is-Sinjura Per NYSTÖM | Ministry of Employment | 9.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Eva MESTANOVA | Riżenja | Membru | Ħaddiema | Slovakkja | Is-Sur Erik MACAK | KOZSR | 9.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Laurence THERY | Riżenja | Membru | Ħaddiema | Franza | Is-Sur Emmanuel COUVREUR | CFDT | 9.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Anne COLEMAN-DUNNE | Riżenja | Membru | Gvern | Irlanda | Is-Sur Paul CULLEN | Department of Enterprise Trade and Employment | 19.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sur Jens WIENE | Riżenja | Membru | Ħaddiema | Danimarka | Is-Sur Ole PRASZ | FTF | 19.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sur Joaquin MARTÍNEZ SOLER | Riżenja | Supplenti | Gvern | Spanja | Is-Sur Gonzalo GIMÉNEZ COLOMA | Ministerio de Trabajo e Inmigración | 19.10.2009 |

| Kumitat | Tmiem tal-mandat | Pubblikazzjoni fil-ĠU | Persuna sostitwita | Riżenja/ħatra | Membru/Supplenti | Kategorija | Pajjiż | Persuna maħtura | Affiljazzjoni | Data tad-Deċiżjoni tal-Kunsill |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sinjura Mireille JARRY | Riżenja | Supplenti | Gvern | Franza | Is-Sinjura Marie-Soline CHOMEL | Ministère du Travail et des Affaires Sociales | 19.10.2009 |
| Bord ta' Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol | 30.11.2010 | C 282, 24.11.2007 | Is-Sur Konstantinos PETINIS | Riżenja | Supplenti | Gvern | Greċja | Is-Sinjura Triantafyllia TOTOU | Ministry of Employment and Social Protection | 23.10.2009 |

# IL-KUMMISSJONI

**Rata tal-kambju tal-euro** [1]

**L-10 ta' Novembru 2009**

(2009/C 270/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4966 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6145 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 134,51 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5852 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4410 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 11,5988 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,89860 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,0224 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,2850 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0788 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5115 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 739,87 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,1616 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,3835 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 10,2170 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,2767 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,524 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 089,57 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 5,0660 |
| HUF | Forint Ungeriż | 272,19 | PHP | Peso Filippin | 70,186 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 43,0194 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7088 | THB | Baht Tajlandiż | 49,855 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2033 | BRL | Real Brażiljan | 2,5685 |
| RON | Leu Rumen | 4,2979 | MXN | Peso Messikan | 19,9557 |
| TRY | Lira Turka | 2,2112 | INR | Rupi Indjan | 69,5170 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

## Kompożizzjoni tal-Awli u assenjazzjoni tal-imħallfin lill-Awli

(2009/C 270/06)

B'deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2005 ([1]), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li jiltaqa' fi tliet Awli u f'seduta plenarja. B'deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2008 ([2]), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku eleġġa bħala President tal-Ewwel Awla, għall-perijodu li jibda mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2011, lill-Imħallef S. GERVASONI. B'deċiżjoni tas-7 ta' Ottubru 2009, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku eleġġa bħala President tat-Tieni Awla, għall-perijodu li jibda mis-7 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2011, lill-Imħallef H. TAGARAS u assenja l-imħallfin lill-Awli kif ġej:

*L-Ewwel Awla*
S. GERVASONI, President tal-Awla,
H. KREPPEL u M.I. ROFES I PUJOL, Imħallfin,

*It-Tieni Awla*
H. TAGARAS, President tal-Awla,
I. BORUTA u S. VAN RAEPENBUSCH, Imħaffin,

*It-Tielet Awla, bi tliet imħallfin*
P. MAHONEY, President tal-Awla
H. KREPPEL, I. BORUTA, S. VAN RAEPENBUSCH u M.I. ROFES I PUJOL, Imħallfin

F'din l-aħħar Awla, il-President ipoġġi, f'alternanza, jew mal-Imħallfin H. KREPPEL u S. VAN RAEPENBUSCH, jew mal-Imħallfin I. BORUTA u M.I. ROFES I PUJOL, bla ħsara għall-konnessjoni bejn il-kawżi.

---

([1]) ĠU C 322, 17.12.2005, p. 16.
([2]) ĠU C 272, 25.10.2008, p. 3.

**Kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-Awli**

(2009/C 270/07)

Fis-7 ta' Ottubru 2009, skont l-Artikolu 4(4) tal-Anness tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u skont l-Artikolu 12(2) tar-Regoli tal-Proċedura, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li jassenja, mill-preżentata tar-rikors, il-kawżi alternattivament lill-Ewwel Awla u lit-Tieni Awla skont l-ordni li fihom ġew irreġistrati fir-reġistru, bla ħsara għall-Artikoli 13, 14 u 46(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

Ċertu numru ta' kawżi ser jiġu assenjati lit-Tielet Awla, bi frekwenza awtomatika li għandha tiġi ddeterminata fis-seduta plenarja.

Il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jista' jidderoga mir-regoli ta' assenjazzjoni għal raġunijiet ta' konnessjoni, kif ukoll sabiex jiġi żgurat xogħol ibbilanċjat u koerenti fi ħdan it-Tribunal.

Din id-deċiżjoni tħassar dik tat-30 ta' Settembru 2008 ([1]). Din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha.

([1]) ĠU C 272, 25.10.2008, p. 4.

**Ħatra ta' mħallef li jissostitwixxi l-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bħala mħallef għal miżuri provviżorji**

(2009/C 270/08)

Fis-7 ta' Ottubru 2009, skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli tal-Proċedura, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, għall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru 2010, l-Imħallef S. GERVASONI, President tal-Ewwel Awla, ser jissostitwixxi l-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-każ ta' assenza jew impediment bħala mħallef għal miżuri provviżorji.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# IL-KUMMISSJONI

## MEDIA 2007 – ŻVILUPP, DISTRIBUZZJONI, PROMOZZJONI U TAĦRIĠ

## Sejħa għall-offerti – EACEA/17/09

## i2i audiovisual

(2009/C 270/09)

### 1. Għanijiet u deskrizzjoni

Dan l-avviż ta' seħja għall-offerti huwa bbażat fuq id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007).

Fost il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni hemm l-iżvilupp ta' proġetti ta' produzzjoni.

L-appoġġ għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess tal-kumpaniji ta' produzzjoni Ewropej għall-finanzjamenti allokati mill-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji, billi jikkofinanzja parti mill-ispejjeż tal-punti li ġejjin:

— Assigurazzjoni għall-produzzjonijiet awdjoviżivi: Modulu 1 – Appoġġ għall-partita "assigurazzjoni" mniżżel f'baġit ta' produzzjoni;

— Garanzija ta' tlestija għall-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv: Modulu 2 – Appoġġ għall-partita "garanzija ta' tlestija" mniżżel f'baġit ta' produzzjoni;

— Finanzjament bankarju għall-produzzjoni ta' xogħol awdjoviżiv: Modulu 3 – Appoġġ għall-partita "spejjeż finanzjarji" mniżżel f'baġit ta' produzzjoni.

### 2. Kandidati eliġibbli

Dan l-avviż huwa indirizzat lill-kumpaniji Ewropej li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet msemmijin hawn fuq, b'mod partikolari lill-kumpaniji ta' produzzjoni awdjoviżivi indipendenti.

Il-kandidati għandhom ikunu stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li ġejjin:

— is-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea,

— il-pajjiżi tal-EFTA

— il-pajjiżi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1718/2006/KE, inklużi l-Iżvizzera u l-Kroazja.

### 3. Azzjonijiet eliġibbli

Ix-xogħol awdjoviżiv propost:

— għandu jkun drama, animazzjoni jew dokumentarju kreattiv il-maġġoranza prodotta minn kumpaniji stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-Programm MEDIA.

— għandu jkun prodott b'parteċipazzjoni sinifikanti ta' professjonisti li ġejjin minn Stati parteċipanti fil-Programm MEDIA, jew li għandhom ir-residenza tagħhom hemm.

It-tul massimu għall-proġetti huwa 30 xahar.

Din is-sejħa għall-offerti tikkonċerna esklussivament il-proġetti li jibdew bejn l-1.7.2009 u s-7.7.2010.

## 4. **Kriterji ta' għoti**

Il-kandidati/proġetti eliġibbli ser ikunu evalwati skont il-kritertji li ġejjin:

Proġetti li jibbenfikaw minn appoġġ MEDIA għall-iżvilupp ta' proġetti individwali għall-pajjiżi l-kbar u/jew ta' katalgi ta' proġetti għall-pajjiżi li għandhom kapaċità awdjoviżiva żgħira: 10 punti

Proġetti li jibbenfikaw minn kreditu ta' finanzjament bankarju: 10 punti

Proġetti li ġejjin minn pajjiż li għandu kapaċità awdjoviżiva żgħira: 10 punti

Proġetti li ġejjin minn pajjiżi membri ġodda: 5 punti

Proġetti li għandhom dimensjoni Ewropea: koproduzzjoni li tkopri aktar minn pajjiż wieħed li jkun qed jipparteċipa fil-Programm MEDIA: 3 punti

Fi ħdan il-limitu tal-baġit disponibbli, il-proġetti li jkollhom l-aktar punti fuq il-bażi tal-kriterji hawn fuq jieħdu kontribuzzjoni finanzjarja.

Fil-każ li, wara l-proċess indikat hawn fuq, bosta proġetti jkollhom l-istess punti, jiġi investigat il-kriterju li jmiss għal dawn il-proġetti biss:

Koproduzzjoni li tkopri aktar minn pajjiż wieħed li jkun qiegħed jipparteċipa fil-Programm MEDIA: punt wieħed għal kull pajjiż,

Fi ħdan il-limitu tal-baġit disponibbli, il-proġetti li jkollhom l-aktar punti fuq il-bażi tal-punti hawn fuq jieħdu kontribuzzjoni finanzjarja.

Fil-każ li, wara l-proċess indikat hawn fuq, bosta proġetti jkollhom l-istess punti, jiġi investigat il-kriterju li jmiss għal dawn il-proġetti biss:

Potenzjal ta' distribuzzjoni internazzjonali: 0-5 punti.

## 5. **Baġit**

Il-baġit totali stmat allokat għall-kofinanzjament ta' proġetti huwa ta' EUR 3 miljun. Il-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandhiex taqbeż 50 % – (60 %) tal-ispejjeż eliġibbli. L-ammont tal-appoġġ huwa bejn 5 000 u EUR 50 000. L-ammont tal-appoġġ ma jistax jaqbeż il-limtu massimu ta' EUR 50 000 għal kull proġett.

## 6. **Data ta' għeluq għall-preżentazzjoni**

Id-dati ta' għeluq biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet huma

— 5 ta' Frar 2010 għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Lulju 2009 u l-5 ta' Frar 2010.

— 7 ta'Lulju 2010 għall-proġetti li jibdew bejn l-1 ta' Jannar 2010 u s-7 ta' Lulju 2010.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Education Audiovisual and Culture Executive Agency
Call for Proposals EACEA/17/09
Mr. Constantin Daskalakis
BOUR 3/30
Avenue du Bourget 1
1140 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-applikazzjonijiet ippreżentati fuq il-formola adegwata, mimlijin kif xieraq, datati u ffirmati mill-persuna bis-setgħa li tirrappreżenta legalment il-korp li qiegħed jagħmel it-talba biss jistgħu jiġu aċċettati.

L-applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-faks jew bil-posta elettronika ma jiġux aċċettati.

7. **Tagħrif sħiħ**

Il-linji gwida ddettaljati tas-sejħa għall-offerti, kif ukoll il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn http://ec.europa.eu/information_society/media/producer/i2i/detail/index_en.htm

Huwa obbligatorju li l-applikazzjonijiet jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tat-test sħiħ u jintbagħtu fuq il-formola pprovduta u jkollhom l-Annessi u l-informazzjoni kollha mitluba.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI

## Avviż ta' Tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza u reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri kontra d-dumping applikabbli għall-importazzjoni tal-plajwud okoumé li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2009/C 270/10)

Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([1]) tal-miżuri kontra d-dumping fis-seħħ dwar l-importazzjonijiet tal-plajwud okoumé li joriġina fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ('il-pajjiż ikkonċernat'), il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([2]) ("ir-Regolament bażiku"). Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha wkoll evidenza li tiġġustifika t-tnedija ta' reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku limitata għall-istħarriġ tal-livell ta' dannu.

### 1. Talba għal reviżjoni

It-talba tressqet fit-13 ta' Awwissu 2009 mill-Federazzjoni Ewropea tal-Industrija tal-Plajwud ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon prinċipali, f'dan il-każ aktar minn 40 % tal-produzzjoni Komunitarja tal-plajwud okoumé.

### 2. Prodott

Il-prodott li qed jiġi revedut huwa l-plajwud okoumé, definit bħala plajwud magħmul biss minn folji tal-injam, b'kull folja ma taqbiżs il-ħxuna ta' 6 mm, li jkollu mill-inqas waħda mill-folji ta' barra tal-okoumé mhux miksija b'saff permanenti ta' materjali oħra, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"), attwalment klassifikabbli bil-kodiċi NM ex 4412 31 10.

### 3. Miżuri eżistenti

Il-miżuri li hemm bħalissa fis-seħħ huma dazju definittiv ta' kontra d-dumping impost bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2004 ([3]).

### 4. Raġunijiet għar-reviżjonijiet

#### 4.1. *Raġunijiet għar-reviżjoni ta' skadenza*

It-talba hija msejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għall-issoktar jew ir-rikorrenza ta' dumping u r-rikorrenza ta' dannu għall-industrija Komunitarja.

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, l-applikant iffissa l-valur normali għall-produtturi li jesportaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li ma ngħatawx trattament tal-ekonomija tas-suq matul l-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ abbażi ta' valur normali kostrutt f'pajjiż b'ekonomija tas-suq kif jixraq, li hu msemmi fil-punt 5.1.(d). Għal dawk il-kumpaniji li ngħataw trattament tal-ekonomija tas-suq matul l-investigazzjoni, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-valur normali kostrutt fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. L-allegazzjoni tal-issoktar ta' dumping hija msejsa fuq tqabbil ta' valur normali, kif stabbilit fis-sentenzi ta' qabel, mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat meta jkun mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità.

Fuq din il-bażi, il-marġini tad-dumping ikkalkulat huwa sinifikanti.

L-applikant jallega wkoll il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping dannuż. F'dan ir-rigward, l-applikant ippreżenta evidenza li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell tal-importazzjoni attwali tal-prodott ikkonċernat probabbilment jiżdied minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata fil-pajjiż ikkonċernat.

Barra minn dan, l-applikant jallega li t-tneħħija tad-dannu hija prinċipalment minħabba l-eżistenza ta' miżuri u li kull rikorrenza ta' importazzjonijiet sostanzjali bi prezzijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat aktarx twassal għal rikorrenza ta' dannu lill-industrija Komunitarja jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

([1]) ĠU C 114, 19.5.2009, p. 11.
([2]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 336, 12.11.2004, p. 4.

4.2. ***Raġunijiet għar-reviżjoni interim***

Għadd ta' produtturi Franċiżi tal-plajwud okoumé huma suġġetti għal proċediment ta' Qorti Franċiża fir-rigward ta' allegata mġiba kontra l-kompetizzjoni. Ma jistax jiġi eskluż li dan jaf wassal għal distorzjoni fil-valutazzjoni tad-dannu fl-investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant, tqies xieraq li titnieda *ex officio* reviżjoni *interim* bil-għan li tistħarreġ mill-ġdid il-qagħda tad-dannu għall-industrija Komunitarja b'mod partikolari b'paragun mas-sitwazzjoni dominanti fil-perjodu tal-investigattiv tal-investigazzjoni oriġinali.

5. **Il-proċedura**

Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed provi biex tkun iġġustifikata t-tnedija ta' reviżjoni ta' skadenza u reviżjoni parzjali *interim* limitata għall-eżaminazzjoni ta' dannu, il-Kummissjoni b'dan qegħda tagħti bidu għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(2) u 11(3) tar-Regolament bażiku.

5.1. ***Proċedura biex jiġi stabbilit id-dumping, il-probabbiltà ta' dumping u ta' dannu***

L-investigazzjoni se tistabbilixxi jekk hux probabbli jew le li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza ta' dumping u dannu. Ir-reviżjoni parzjali *interim* tiddertermina jekk il-livell attwali tal-miżuri huwiex xieraq biex ipatti għad-dumping dannuż.

(a) *Teħid ta' kampjuni*

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' partijiet involuti f'din il-proċedura, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tapplika t-teħid ta' kampjuni, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(i) It-teħid ta' kampjuni għal esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ it-teħid tal-kampjun u, jekk dan ikun il-każ, tagħżel kampjun, l-esportaturi/il-produtturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba li jippreżentaw irwieħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni u jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew kumpaniji tagħhom fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(i) u fil-formati indikati fil-punt 7:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— it-tidwir ta' flus f'valuta lokali u l-volum f'$m^3$ tal-prodott ikkonċernat mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009 għal kull wieħed mis-27 Stat Membru kemm individwalment kif ukoll fit-total,

— il-fatturat fil-munita lokali u l-volum f'$m^3$ tal-prodott ikkonċernat mibjugħ fuq is-suq domestiku waqt il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009,

— il-fatturat fil-munita lokali u l-volum f'tunnellati tal-prodott ikkonċernat mibjugħ lil pajjiżi terzi oħrajn matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija madwar id-dinja fir-rigward tal-prodott ikkonċernat,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha [4] involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ (għall-esportazzjoni u/jew fis-suq lokali) tal-prodott ikkonċernat,

— kull tagħrif ieħor rilevanti li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ikun ifisser li trid twieġeb għal kwestjonarju u li taċċetta investigazzjoni fuq il-post tat-tweġibiet li tagħti. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni jinstabu fil-punt 8 hawn taħt.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis neċessarju għall-għażla tal-kampjun ta' esportaturi/produtturi, il-Kummissjoni, barra minn hekk, se tikkuntattja lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u lil kull għaqda magħrufa ta' esportaturi/produtturi.

(ii) It-teħid ta' kampjun għall-importaturi

Biex il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni hux meħtieġ u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, l-importaturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, huma b'dan mitluba jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni u jipprovdu t-tagħrif

[4] Għal gwida dwar it-tifsira ta' kumpaniji relatati, jekk jogħġbok irreferi għall-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).

li ġej dwar il-kumpanija jew il-kumpaniji tagħhom fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(i) u fil-formati li jidhru fil-punt 7:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija għal dak li huwa l-prodott ikkonċernat,

— il-volum f'm$^3$ u l-valur f'EUR ta' importazzjonijiet u bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Komunità matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009 tal-prodott ikkonċernat importat li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([5]) involuti fil-produzzjoni u/jew il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat,

— kull tagħrif ieħor rilevanti li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ikun ifisser li trid twieġeb għal kwestjonarju u li taċċetta investigazzjoni fuq il-post tat-tweġibiet li tagħti. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni jinstabu fil-punt 8 hawn taħt.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-għażla tal-kampjun tal-importaturi, il-Kummissjoni, barra minn hekk, se tikkuntattja kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi.

(iii) Teħid ta' kampjuni għall-produtturi tal-Komunità

Fid-dawl tal-għadd kbir ta' produtturi Komunitarji li qed jappoġġjaw it-talba, il-Kummissjoni biħsiebha tinvestiga d-dannu lill-industrija Komunitarja billi tapplika t-teħid ta' kampjuni.

([5]) Ara nota tal-qiegħ 4.

Biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħżel kampjun, il-produtturi Komunitarji kollha huma b'dan mitluba jipprovdu t-tagħrif li ġej dwar il-kumpanija jew kumpaniji tagħhom fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6 (b)(i) u fil-formati indikati fil-punt 7:

— l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks u l-persuna ta' kuntatt,

— l-attivitajiet preċiżi tal-kumpanija madwar id-dinja fir-rigward tal-prodott ikkonċernat,

— il-valur tal-bejgħ f'EUR tal-prodott ikkonċernat li sar fis-suq Komunitarju matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009,

— il-volum ta' bejgħ f'm$^3$ tal-prodott ikkonċernat magħmul fis-suq Komunitarju waqt il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009,

— il-volum ta' produzzjoni f'm$^3$ tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2009,

— l-ismijiet u l-attivitajiet preċiżi tal-kumpaniji relatati kollha ([6]) involuti fil-produzzjoni u/jew il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat,

— kull tagħrif ieħor rilevanti li jista' jgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

Billi tipprovdi t-tagħrif ta' hawn fuq, il-kumpanija taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ikun ifisser li trid twieġeb għal kwestjonarju u li taċċetta investigazzjoni fuq il-post tat-tweġibiet li tagħti. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, jitqies li din ma kkooperatx fl-investigazzjoni. Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' kooperazzjoni jinstabu fil-punt 8 hawn taħt.

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-għażla tal-kampjun tal-produtturi Komunitarji, il-Kummissjoni, barra minn hekk, se tikkuntattja kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi Komunitarji.

([6]) Ara nota tal-qiegħ 4.

(iv) L-għażla finali tal-kampjuni

Il-partijiet kollha interessati li jixtieq///u jibagħtu xi tagħrif rilevanti dwar l-għażla tal-kampjuni, għandhom jagħmlu dan fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(ii).

Il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel l-għażla finali tal-kampjuni wara li tkun ikkonsultat il-partijiet ikkonċernati li esprimew ir-rieda tagħhom li jiġu inklużi fil-kampjun.

Il-kumpaniji inklużi fil-kampjun għandhom iwieġbu għal kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(iii) u għandhom jikkooperaw fil-qafas tal-investigazzjoni.

Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tibbaża s-sejbiet tagħha, skont l-Artikoli 17(4) u 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-fatti disponibbli. Sejba bbażata fuq il-fatti disponibbli tista' tkun anqas vantaġġjuża għall-parti kkonċernata, kif spjegat fil-punt 8.

(b) *Kwestjonarji*

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-industrija Komunitarja magħżula għall-kampjun u lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fil-Komunità, lill-esportaturi/produtturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina magħżula għall-kampjun u lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' esportaturi/-produtturi, lill-importaturi magħżula għall-kampjun, lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' importaturi, u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat.

(c) *Il-ġbir ta' tagħrif u s-smigħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati huma b'dan mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu tagħrif għajr it-tweġibiet tal-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dan it-tagħrif u din l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(ii).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba trid issir fil-limitu taż-żmien stipulat fil-punt 6(a)(iii).

(d) *L-għażla tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq*

Fl-investigazzjoni ta' qabel it-Turkija ntużat bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq xierqa għall-għan li jiġi stabbilit il-valur normali fir-rigward tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Il-Kummissjoni tipprevedi li terġa' tuża lit-Turkija għal dan l-għan. Il-partijiet interessati huma b'dan mistiedna jikkummentaw dwar kemm hu adattat dan il-pajjiż, fil-limitu taż-żmien speċifiku stipulat fil-punt 6(c).

5.2. ***Proċedura għall-evalwazzjoni tal-interess Komunitarju***

Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku u fil-każ fejn il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu tkun ikkonfermata, għandu jkun stabbilit jekk iż-żamma tal-miżuri kontra d-dumping hijiex se tmur kontra l-interess Komunitarju. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni tista' tibgħat kwestjonarji lill-industrija magħrufa tal-Komunità, l-importaturi, l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti rappreżentattivi u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur. Partijiet bħal dawn, inklużi dawk li ma tafx dwarhom il-Kummissjoni, bil-kundizzjoni li jagħtu prova li hemm rabta oġġettiva bejn l-attività tagħhom u l-prodott ikkonċernat, jistgħu, fil-limiti ġenerali ta' żmien stipulati fil-punt 6(a)(ii), jippreżentaw irwieħhom u jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif. Il-partijiet li aġixxew f'konformità mas-sentenza preċedenti jistgħu jitolbu seduta ta' smigħ, waqt li jippreżentaw ir-raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(a)(iii). Ta' min jinnota li kull tagħrif imressaq skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku se jitqies biss jekk ikun sostnut minn evidenza fattwali fil-mument meta jitressaq.

## 6. Il-limiti ta' żmien

(a) *Il-limiti ġenerali ta' żmien*

(i) Biex il-partijiet jitolbu kwestjonarju

Kull parti interessata li ma kkooperatx fl-investigazzjoni li twassal għall-miżuri soġġetti għar-reviżjoni preżenti għandha titlob kwestjonarju kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(ii) Għall-partijiet li jridu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, biex jippreżentaw it-tweġibiet tal-kwestjonarju u kull informazzjoni oħra

Il-partijiet interessati kollha, jekk ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-opinjonijiet tagħhom u jibagħtu t-tweġibiet tal-kwestjonarju jew kwalunkwe informazzjoni oħra fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Qed tinġibed l-attenzjoni li l-eżerċitar tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali ddefiniti fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta lilha nnifisha lill-Kummissjoni matul il-perjodu msemmi qabel.

Il-kumpaniji magħżula f'kampjun għandhom iressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fil-punt 6(b)(iii).

(iii) Is-seduti ta’ smigħ

Il-partijiet kollha interessati jistgħu wkoll japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta’ żmien ta’ 40 jum.

(b) *Limitu ta’ żmien speċifiku fir-rigward tat-teħid ta’ kampjuni*

L-informazzjoni speċifikata fil-punti 5.1(a)(i), 5.1(a)(ii) u 5.1(a)(iii) għandha tasal għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data ta’ pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, peress li l-Kummissjoni bihsiebha tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati li esprimew ir-rieda tagħhom li jkunu inklużi fil-kampjun fl-għażla finali tagħha fi żmien perjodu ta’ 21 jum mill-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Kull informazzjoni oħra rilevanti għall-għażla tal-kampjun kif imsemmi fil-punt 5.1(a)(iv) għandha tasal għand il-Kummissjoni fi żmien 21 jum mill-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

It-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-partijiet inklużi fil-kampjun għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tan-notifika tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun.

(c) *Il-limitu ta’ żmien speċifiku għall-għażla tal-pajjiż b’ekonomija tas-suq*

Il-partijiet għall-investigazzjoni jistgħu jkunu jixtiequ jikkummentaw dwar kemm hija xierqa l-għażla tat-Turkija, li, kif issemma fil-punt 5.1(d), hija prevista bħala pajjiż b’ekonomija tas-suq biex ikun stabbilit valur normali rigward ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Dawn il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

7. **Sottomissjonijiet bil-miktub, tweġibiet tal-kwestjonarju u korrispondenza**

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati jridu jsiru bil-miktub (mhux b’format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inklużi t-tagħrif mitlub f’dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta minn partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala “Limitati [7]” u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati b’verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata “Għall-ispezzjoni minn partijiet interessati”.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N-105 04/92
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Faks +32 22956505

8. **In-nuqqas ta’ kooperazzjoni**

F’każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għal tagħrif meħtieġ jew ma tipprovdihx fil-limiti ta’ żmien, jew tfixkel l-investigazzjoni b’mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u jista’ jsir użu mill-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b’mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista’ jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

9. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni se tkun konkluża, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta’ dan l-avviż f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

10. **Possibbiltà li tintalab reviżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Billi din ir-reviżjoni tal-iskadenza qed titnieda skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet tagħha mhux se jwasslu għall-emenda tal-livell tal-miżuri eżistenti, iżda se jwasslu biex dawk il-miżuri jiġu revokati jew miżmuma skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Bażiku, sakemm ir-reviżjoni *interim* parzjali skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3) limitata għad-dannu ma turix livelli ta’ dannu aktar baxxi mill-marġini tad-dumping misjuba fl-investigazzjoni oriġinali li fuqha kienu imposti l-obbligi infurzati attwalment.

---

(7) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Id-dokument huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Hu dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim Kontra d-Dumping).

Jekk xi parti fil-proċediment tqis li tkun meħtieġa reviżjoni tal-livell tal-marġini tad-dumping misjuba fl-investigazzjoni oriġinali biex tippermetti l-possibbiltà li jiġi emendat (jiġifieri jiżdied jew jitnaqqas) il-livell tal-miżuri, dik il-parti tista' titlob li jkunu hemm reviżjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Partijiet li jixtiequ jitolbu reviżjoni ta' dan it-tip, li tkun magħmula b'mod indipendenti mir-reviżjonijiet ta' skadenza u dawk *interim* parzjali msemmija f'dan l-avviż, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz li jidher hawn fuq.

11. **Ipproċessar ta' dejta personali**

Ta' min wieħed jinnota li kwalunkwe dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tkun ittrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta ([8]).

12. **Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ**

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tad-DĠ Trade. Huwa jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, u joffri, fejn ikun hemm bżonn, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajls, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjonijiet tal-fehmiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ Trade (http://ec.europa.eu/trade).

([8]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI

### Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

**(Każ COMP/M.5654 – Brookfield/BBI)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 270/11)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fid-9 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej irċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta bejn Brookfield u BBI. Fl-4 ta' Novembru 2009, il-partijiet notifikanti infurmaw lill-Kummissjoni li huma kienu qed jirtiraw in-notifika.

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 270/10 Avviż ta' Tnedija ta' reviżjoni tal-iskadenza u reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri kontra d-dumping applikabbli għall-importazzjoni tal-plajwud okoumé li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina .... 24

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 270/11 Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5654 – Brookfield/BBI) [1] ...................... 30

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT